ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tat-382 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 23 ta' Marzu, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, s-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Mark Grech daħal għal laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

Is-Sur Kevin Plumpton daħal għal laqgħa fis-6.50 ta' filgħaxija.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mil-Viċi-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-381 laqgħa.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Pisani qal li kien qed iħejji paġna tal-Kunsill Lokali fuq *Facebook* u għalhekk talab lill-Kunsilliera biex jibgħatu l-informazzjoni li jixtiequ jdaħħlu f'din il-paġna.

Is-Sur Grech staqsa jekk kienitx instabet soluzzjoni dwar il-ġbir tal-iskart fi Triq Santa Domenika. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur responsabbli mil-ġbir tal-iskart qal li r-residenti kienu qed iħallu l-boroz tal-iskart quddiem ir-residenza tagħhom.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-familja Grech dwar talba biex issir *road hump* quddiem ir-residenza numru 30 fi Triq Felice. Is-Sindku qal li kif kien ġa ntqal fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill għalissa ma kienx f’pozzizjoni li jagħmel aktar *road humps* fil-lokalita’.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali ta’ San Ġwann dwar l-attivita’ ‘Il-Karnival fi żmien ir-Rebbiegħa’ li ser tiġi organizzata nhar l-10 ta’ April 2011. Il-Kunsill Lokali ta’ San Ġwann qed jissuġerixxi li jsiru skambji mill-Kunsilli Lokali ta’ l-attivitajiet li jkunu qegħdin jiġu organizzati mill-Kunsill Lokali f’lokalitajiet differenti. Il-Viċi-Sindku qal li kien se jġib aktar informazzjoni dwar din il-proposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Malta għall-Volontarjat dwar konferenza bit-tema ‘*Volunteer! You make a difference!*’li ser issir nhar is-Sibt, 26 ta’ Marzu 2011. Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser jattendi għal din il-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar laqgħa li ser issir nhar it-Tnejn u t-Tlieta 28 u 29 ta’ Frar 2011 dwar il-proġett ‘Europe for Citizens’ bl-għan li jitnaqqas l-uzu ta’ l-enerġija.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mit-Tabib Josie Muscat dwar il-problema ta’ ipparkjar f’Misraħ San Gakbu u Misraħ is-Sliem. It-Tabib Muscat talab biex il-Kunsill jikkunsidra postijiet alternattivi għall-bejjiegħa tas-suq li jsir kull nhar ta’ Sibt kif ukoll li tinstab soluzzjoni għall-problema ta’ parkeġġ li hemm fiz-zona tal-Misraħ. Is-Sindku qal li xi snin ilu kienet ġiet diskussa l-possibilita’ li jinstab post alternattiv għall-bejjiegħa tas-suq, imma ma kienx hemm qbil minn naħa tal-bejjiegħa u l-Assoċjazzjoni tagħhom.

Is-Sur Grech issuġġerixxa li tiġi rranġata l-bankina li hemm fi Triq iċ-Ċimiterju ma’ Triq ix-Xgħajra bil-għan li jizdied il-*parking* f’din il-parti tat-triq.

Is-Sur Pisani ppropona li jitħejja rapport u proposti kif tista’ titjieb is-sitwazzjoni ta’ ipparkjar ta’ vetturi fil-Misraħ. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Plumpton u l-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjuri Mark Grech, Robert Buhagiar u Joe Buttigieg iħejju dan ir-rapport u jiġi prezentat fil-laqgħa li jmiss.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjażżjoni tal-Kunsilli Lokali dwar proġett tal-*Europe for Citizens* bl-isem INTACT, fejn il-Kunsilli Lokali qed jiġu mistiedna sabiex jinnominaw persuna li tista’ tiġa’ magħzula biex tieħu sehem *f’Summer School* f’*Brussels* bejn id-19 u l-24 ta’ Lulju 2011. Is-Sur Bonnici ppropona li tiġi nominata s-Sinjura Sarah Craus. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li tiġi nominata din il-persuna.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjażżjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-laqgħat tas-Sindki. L-Assoċjazzjoni talbet suġġerimenti u proposti dwar kif jistgħu jittejjbu dawn il-laqgħat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-organizzazjoni *Puttinu Cares* dwar maratona ta' *football* li ser issir fis-6 u t-8 ta' Mejju 2011 fil-*Marsa Sports Grounds*. Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li kien se jieħu ħsieb jorganizza grupp ta' zgħazagħ sabiex jieħdu sehem f'din il-maratona.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill Lokali Zgħazagħ fejn intalbet laqgħa mal-Kunsill biex jiġi diskuss proġetti li l-Kunsill taz-Zgħazagħ jixtiequ jwettqu. Il-Kunsill qabel unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Viċi-Sindku li nhar l-Erbgħa, 6 ta' April 2011 issir laqgħa maz-zgħazagħ.

Inqara invit mibgħut mill-Kulleġġ Santa Margerita Skola Sekondarja Bniet fejn stiednu lis-Sindku għal Jum ta' Ċelebrazzjoni li ser issir nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu 2011. Is-Sindku qal li minħabba mpenji oħra ma setgħax jattendi u għalhekk il-Kunsill qabel unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, li s-Sur Buhagiar jattendi għal din il-funzjoni.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-*Confraternita' San Giuseppe Lavoratore Villabate* fejn il-Kunsill ġie mistieden jattendi għall-okkazzjoni tal-festa tal-Patrun San Gużepp li ser tkun ċelebrata f'Marzu 2011. Is-Sur Bonnici qal li peress din l-istedina ma ġietx mill-Kunsill ta' Villabate, din ma setgħatx tiġi aċċettata. Is-Sur Bonnici ppropona li l-Kunsill jinforma lill-Kunsill ta' Villabate biex jikkunsidra jekk il-ġemellaġġ bejn iż-żewġt ibliet għandux ikompli peress li relazzjoni ma baqgħetx b'saħħitha. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Plumpton u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' tad-Djar dwar l-iskema 'Programm ta' manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern 2011 – 2016' fejn il-Kunsill ġie nfurmat li kien intgħazel biex jidħol f'din l-iskema u kien ser jiġi ffirmat il-ftehim nhar l-Erbgħa, 6 ta' April 2011. Is-Sur Bonnici qal li kien ser jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 28 ta' Marzu sabiex issir spezzjoni tal-binjiet kollha li hemm fil-Qasam tad-Djar qabel il-Kunsill jidħol għal din ir-responsabilita'.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mit-*Transport Malta* fejn ingħatet l-approvazzjoni biex tiġi implimentata sistema ta' *one way* fi Triq il-Kapuccini u Triq ix-Xgħajra.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Galea fejn talab lill-Kunsill imur jara l-bankina fi Triq il-Baħrija, kif ukoll sabiex isiru marki u sinjali tat-traffiku f'din l-istess triq. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill imur jara din il-bankina u tintalab l-approvazzjoni tat-*Transport Malta* biex isiru l-marki u sinjali tat-traffiku. Is-Sur Grech ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

- Approvazzjoni ta' Finanzi

Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Frar 2011 li kien jammonta għal €99.09. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv resqet ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-24 ta' Frar, 2011 u t-23 ta' Marzu, 2011 li kien jammonta għal €42,131.84. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Id-Deputat Segretarja Ezekuttiv informat lill-Kunsill li l-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill mal-kumpanija *Island Insurane Brokers* kienet ser tagħlaq fil-bidu ta' April. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill mal-kumpanija *Island Insurane Brokers* tiġġedded għal xahar addizzjonali sakemm tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet u jiġu aġġudikati l-offerti

Inqraw il-minuti tad-disgħa laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Plumpton informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa ma' raprezentanta tal-MUESEC sabiex tingħabar informazzjoni dwar l-iskemi li hemm biex jinġibu fondi milll-Unjoni Ewropeja.

Is-Sur Pace semma l-bżonn li tiġi rranġata l-art fil-bidu ta' Triq Hompesch. Is-Sindku qal li kien se jkellem lill-kuntrattur responsabbli mill-manutenzjoni tat-toroq sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

Il-Viċi-Sindku qal li kien ser jagħmel laqgħa mal-Kumitat Ad Hoc li kien twaqqaf sabiex flimkien mal-membri tal-Kunsill tkompli d-diskussjoni dwar ix-xelter ta' Misraħ.

Il-Viċi-Sindku dwar it-talba li saritlu mil-proprjetarju tal-ħanut *Pizza Star* sabiex jagħmel uzu minn parti mil-bandli u l-bankina tintuza biex jitpoġġew l-imwejjed.

Il-Viċi-Sindku semma l-bżonn li jsir *resurfacing* ta' Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu għanda tkun l-ewwel triq li ssir wara li jsiru t-toroq kollha taħt l-iskema *Private Public Partnership.*

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill li kien kiteb ittra fil-gazzetta dwar id-dewmien li qed ikun hemm mill-entitajiet biex jiġu ndirizzati l-ilmenti li jressaq il-Kunsill.

Is-Sindku talab li ssir stqarrija għal istampa dwar id-dawl tal-*Bus Shelters* li saru ġodda peress li dawn kienu għadhom bla dawl.

Is-Sur Buttigieg semma l-ilmenti li sarulu minn residenti dwar il-ħwat li tpoġġew madwar il-Mina ta' Hompesch. Is-Sur Buttigieg talab biex jekk hu possibli l-ħwat ta' quddiem id-daħla tal-Mina jitressqu u jitpoġġew fil-ġnub. Il-Viċi-Sindku qal li anke hu kien avviċinat minn residenti sabiex dawn il-ħwat jitressqu.

Il-Viċi-Sindku qal li kien tkellem mas-Supretendent tal-Pulizija sabiex jingħalqu xi toroq waqt l-attivita 'Lejla fil-Belt Hompesch' li ser issir fil-21 ta' Mejju 2011 u ġie suġġeriet li dawn it-toroq jingħalqu temporanjament bil-*bollards*. Il-Viċi-Sindku ppropona li jiġu ordnati dawn il-*bollards*. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tal-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jilqa' s-suġġeriment tal-Pulizija u dawn it-toroq jingħalqu temporanjament bil-*bollards.*

Is-Sur Bonnici talab li jinxtara l-ktieb *Storja tal-Partit Laburista* għall-prezz ta' €25 biex jitpoġġa għal dispozzjoni tal-pubbliku fil-librerija tal-Kunsill. Is-Sur Grech issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li jinxtara dan il-ktieb.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li tiġi *resurfaced* Triq il-Ġilju, kif ukoll li tiġi rranġata l-bankina li hemm fi Triq il-Qoton ma' Triq il-Fustan.

Is-Sur Pisani talab lill-Kunsillieri kollha biex jippreparaw l-kitba tagħhom għall-pubblikazzjoni *Citta' Hompesch* biex il-Bord Editorjali jkun jista' iħejji l-ħarġa li jmiss ta' dan il-fuljett.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill li għal konferenza Festa Ġemellaġġi kienu ser jattendu s-Sinjura Angela Odenwald u s-Sinjura Anna Kroll mill-Kunsill ta' Eschborn. Id-Dipartiment għal Gvern Lokali ser jgħati €100 għal kull persuna barranija li tiġi għall-konferenza li ser tittella' bejn il-11 u 12 ta' April 2011. Għal din il-laqgħa kienu ser jattendu wkoll is-Sindku, il-Viċi-Sindku, is-Sur Bonnici u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Pisani semma l-ħtieġa li ssir manutenzjoni fit-Teatru Grieg.

Is-Sur Grech ppropona li l-Kunsill joffri l-opportunita' numru ta' persuni b'dizabilita li jixtiequ jkun jafu aktar dwar ix-xogħol li jsir fil-Kunsill għal sagħtejn jew tlieta fil-ġimgħa. Is-Sur Buhagiar ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Is-Sur Grech talab sabiex isiru s-sinjali ta' *stop* fi Triq iċ-Ċulqana ma' Triq ir-Redentur, kif ukoll li jsiru l-marki tat-traffiku *stop* u *slow* fi Triq Felice ma' Triq ix-Xgħajra.

Fit-8.10 ta’ filgħaxija s-Sur Pace talab li jiġi skużat għal ftit minuti.

Is-Sur Buhagiar ilmenta dwar kif kienet tħalliet il-bankina fi Triq il-Mgħasar wara x-xogħol ta’ *resurfacing* mil-Gvern Ċentrali.

Is-Sur Buhagiar ressaq ilment li sar minn resident dwar qasab u ħaxix li hemm f’art fi Triq ix-Xgħajra ma’ Triq il-Mgħasar.

Fit-8.20 il-Viċi-Sindku reġa’ daħal lura għal laqgħa.

Is-Sur Buhagiar reġa’ semma l-ħtieġa li tiġi rranġata Triq is-Santwarju.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta’ filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarja Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-383 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 20 ta’ April, 2011.

Domenic Agius
Sindku